

Brussell, 12 ta' Frar 2025  
(OR. en)

6198/25

**BETREG 2**  
**AG 15**  
**ECOFIN 145**  
**CADREFIN 8**  
**COMPET 69**  
**FISC 23**  
**UD 21**  
**DIGIT 24**  
**ENV 75**  
**AGRI 51**  
**DRS 7**  
**MI 82**  
**CYBER 42**

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Frar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 47 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 47 final.

Mehmuż: COM(2025) 47 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Strasburgu, 11.2.2025  
COM(2025) 47 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-  
simplifikazzjoni**

## I. INTRODUZZJONI

Kif inhu spjegat fil-Linji Gwida Politiċi<sup>1</sup>, matul il-ħames snin li ġejjin il-Kummissjoni se taħdem fuq programm ambizzjuż, b'politiki innovattivi, li jħarsu 'l quddiem u bi standards għoljin. Dawn l-inizjattivi ġodda se jibnu fuq il-pedamenti ta' Unjoni Ewropea prospera, diversa u ġusta, biex l-Ewropa ssir destinazzjoni aktar attraenti fejn wieħed jgħix, jaħdem u jinvesti, saħansitra aktar milli hija fil-preżent.

Fil-istess ħin, se nħaffu radikalment il-piż regolatorju minn fuq b'mod radikali. Biex tagħti spinta lill-prosperità u lir-reżiljenza, il-Kummissjoni se tippromovi simplifikazzjoni bla preċedent biex ikunu jistgħu jinħatfu l-opportunitajiet, l-innovazzjoni u t-tkabbir. Se nniedu spinta ġdida biex nħaġġu, nissimplifikaw u ntejbju l-politiki u l-liġijiet tal-UE, infasslu regoli aktar ċari u li jinftiehm aktar faċilment u li jiġu implimentati aktar malajr. Barra minn hekk se nfanndu l-kooperazzjoni tagħna mal-istituzzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha sabiex ir-responsabbiltà kondiviża twassal għal riżultati aħjar.

Fid-dinja instabbli u inċerta tal-lum, it-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE sar aktar importanti minn qatt qabel. Dan jirrikjedi ambjent legali li jstimula l-ħolqien u t-tkabbir tan-negozju u li jipproteġi u jagħti s-setgħa lin-nies bl-aktar mod sempliċi, rapidu u effettiv possibbli. Jirrikjedi wkoll enfasi qawwija fuq ir-realtajiet li qed jevolvu fil-prattika, flimkien finijiet ċari biex l-għanijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħna jintlaħqu bl-aktar mezzi kosteffiċjenti possibbli.

Standards għoljin jistgħu jkunu sors qawwi ta' vantaġġ kompetittiv. F'ħafna każijiet, dawn jirfdu l-valur u l-kwalità tal-prodotti Ewropej, iħarsu liċ-ċittadini tagħna, jixprunaw l-innovazzjoni u jiżguraw li l-ekonomija tagħna tkun sostenibbli u ġusta. Dawn il-vantaġġi jissarrfu biss jekk ir-regoli tal-UE jkunu proporzjonati, effettivi u implimentati bis-sħiħ u b'mod konsistenti. Ir-regoli tagħna għandhom ukoll iżommu l-pass mal-fruntieri tal-progress uman u teknoloġiku, u jkunu reattivi għall-iżviluppi globali.

Kif inhu enfasizzat fir-rapport Draghi<sup>2</sup>, maż-żmien l-akkumulazzjoni tar-regoli f'livelli differenti, il-komplessità u d-diffikultà biex jiġu implimentati qed ikollhom impatt sinifikanti fuq il-kompetittività tal-Ewropa, u qed irażżnu l-potenzjal ekonomiku u l-prosperità tagħna. Wasal iż-żmien li nivvalutaw u nsaħħu l-kwalità tal-qafas regolatorju tagħna, bil-ħsieb li naċċelleraw il-kisba tal-oġettivi li ftehimna dwarhom.

Dan jitlob azzjoni kuraġġuża u miftiehma, u mhux ffit ffit. Il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-livelli kollha u l-partijiet ikkonċernati jridu jaħdmu id f'id biex jirazzjonalizzaw u jissimplifikaw ir-regoli tal-UE, ir-regoli nazzjonali u dawk reġjonali u jimplimentaw il-politiki b'mod aktar effettiv. Huwa meħtieġ ukoll li tingħeleb il-frammentazzjoni regolatorja fis-suq uniku biex inkatru tkabbir ekonomiku sinifikanti.

Din il-komunikazzjoni twelled viżjoni għal aġenda ta' implimentazzjoni u simplifikazzjoni li tagħti rapidu malajr u viżibbli għan-nies u għan-negozji, għal UE aktar prospera, dekarbonizzata u reżiljenti. Il-pakketti *Omnibus* deskritti fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2025 se jkunu l-ewwel riżultati tagħna f'dan il-mandat. Dawn huma biss il-bidu. Dan l-isforz se jkompli matul il-mandat, bl-ambizzjoni li nittestjaw ir-reżiljenza tal-*acquis* kollu tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-prattikanti u mal-partijiet ikkonċernati.

Biex jinkisbu r-riżultati, din il-komunikazzjoni tiddeskrivi sett komprensiv ta' għodod, mingħajr ma toħloq saffi żejda ta' pproċessar jew amministrazzjoni. Minflok, il-Kummissjoni se tiffoka mill-ġdid l-isforzi u r-riżorsi tagħha fuq l-użu ta' dawn l-għodod, biex tfassal regoli aktar sempliċi u implimentazzjoni aktar kosteffettiva. Din il-bidla fil-kultura regolatorja u korporattiva se tinvolvi l-organizzazzjoni tagħna kollha. Kull servizz tal-Kummissjoni se jagħmel dan l-isforz ta' razjonalizzazzjoni.

L-approċċ tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni se jkun iggwidat mill-hteġa li nevalwaw il-passat, inbaħħru l-preżent, u nsawru l-futur. Se nissimplifikaw ir-regoli eżistenti kull fejn hemm bżonn u niżguraw li jiġu implimentati aħjar biex inkunu nistgħu niksbu l-għanijiet tagħna aħjar. Se nirrieżaminaw u nadattaw il-qafas regolatorju tagħna biex nagħmluh aktar reattiv għall-bżonnijiet tan-nies u tan-negozji. Fil-proposti ta' simplifikazzjoni tagħha l-Kummissjoni se tqis, kif inhu xieraq, il-prinċipji tat-tfassil aħjar tal-liġijiet u ċ-ċertezza legali. Il-ħolqien ta' għodod ġodda ta' regolamentazzjoni aħjar u ta' simplifikazzjoni se jiżguraw li l-liġijiet futuri jitfasslu b'kunsiderazzjoni tal-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni mill-bidu nett. B'dawn l-azzjonijiet kollha, biħsiebna niksbu l-għanijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħna b'mod aktar effettiv u effiċjenti.

## II. NIŻGURAW LI L-POLITIKI TAL-UE JAĦDMU

Matul dawn l-aħħar snin l-UE tat prova tal-impenn tagħha li tindirizza l-isfidi b'mod dirett, filwaqt li malajr qablet dwar politiki ambizzjużi biex twieġeb għall-bosta kriżijiet u avvenimenti kumplessi li seħħew. Is-suċċess tagħna issa jiddependi kemm fuq l-implimentazzjoni effettiva kif ukoll fuq li ma nakkumulawx piżijiet fuq spallejn in-nies, in-negozji u l-amministrazzjonijiet biex nilħqu l-għanijiet tagħna.

L-implimentazzjoni tikkonċerna lill-Istati Membri l-aktar meta jinkorporaw id-dritt tal-UE fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u jiżguraw l-infurzar tiegħu. Dan jikkonċerna wkoll l-applikazzjoni tar-regoli min-naħa tal-awtoritajiet, in-nies u n-negozji. Il-ħidma kkoordinata fuq l-oġettivi maqbula fil-livell tal-UE saret essenzjali biex jinkisbu r-riżultati, anke f'oqsma fejn ma hemm l-ebda liġi vinkolanti tal-UE. Din il-ħidma kkoordinata hija meħtieġa wkoll biex jiġi evitat li rekwiżiti nazzjonali addizzjonali li ma jirriżultawx mil-liġi tal-UE — l-hekk imsejħa “gold plating”<sup>3</sup> — iwasslu għall-frammentazzjoni tas-suq uniku u joħlqu piż addizzjonali għan-nies u għan-negozji. Fi ftit kliem, din hija responsabbiltà maqsuma bejnietna.

In-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tar-regoli u fl-ikkompletar tas-suq uniku<sup>4</sup> huma ta' xkiel għall-prospertà u l-kompetittività tagħna. Dawn jistgħu jimminaw ukoll il-kapaċità tal-UE li tilħaq l-oġettivi ta' politika tagħha u li tiproteġi l-valuri tal-Unjoni. Minħabba f'hekk, in-nies u n-negozji ma jaħsdux il-benefiċċji kollha tal-politiki tal-UE, u l-kumpaniji ta' sikwit iħabbtu wiċċhom ma' sfidi sinifikanti biex jегħlbu l-ostakli regolatorji u l-piżijiet amministrattivi<sup>5</sup>.

Bħala parti mill-bidla aktar ġenerali fil-kultura regolatorja, l-UE jeħtieġ li tiffoka fuq it-titjib tal-implimentazzjoni tar-regoli tagħna u li nlaqqgħu il-forzi tal-istituzzjonijiet tal-UE, tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati. Il-Kummissjoni se żżid l-ħidma tagħha fuq implimentazzjoni aħjar billi:

- a) taħdem aktar mill-qrib mal-Istati Membri
- b) tinvesti fil-kapaċità amministrattiva, fl-għodod diġitali u fid-data

- c) tinvolvi ruħha b' mod aktar effettiv mal-partijiet ikkonċernati
- d) tiegħu azzjoni ta' infurzar rapida u determinata

#### ***a) Taħdem aktar mill-qrib mal-Istati Membri***

Il-kooperazzjoni mal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE hija l-aktar mod rapidu biex jiġi żgurat li r-regoli tal-UE jilhqnu l-iskop tagħhom. Dan jgħin ukoll biex, l-ewwel u qabel kollox, jiġi evitat il-ksur. Għall-Kummissjoni, dan ifisser it-tisħiħ tad-djalogu mal-Istati Membri u l-għoti ta' aktar appoġġ lill-Istati Membri biex jimplementaw il-liġi tal-UE b' mod korrett u f' waqtu.

Meta l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu qed jiffinalizzaw att legali maġġuri, il-Kummissjoni se tħejji **strateġija ta' implimentazzjoni**<sup>6</sup> sistematika biex tippjana kif se tappoġġa lill-Istati Membri matul il-proċess ta' implimentazzjoni. L-istrateġija se tidentifika sfidi (legali, amministrattivi jew prattiċi) għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni ta' att legali, arranġamenti biex jiġi segwit il-progress, miżuri ta' appoġġ (inkluż għall-SMEs) u skeda ta' żmien ċara. L-istrateġija ta' dan l-aħħar żmien, Accele-RES, hija eżempju tajjeb għaliex tgħin lill-Istati Membri jimplementaw proċeduri simplifikati għall-għoti ta' permessi skont id-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabli<sup>7</sup>.

Element kruċjali biex il-Kummissjoni tħejji strateġiji ta' implimentazzjoni effettivi li jintegraw miżuri ta' appoġġ immirati u effettivi huwa **l-għoti ta' informazzjoni bikrija mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati**. Fil-każ tad-direttivi, **il-mudelli ta' spjegazzjoni u l-pjanijiet direzzjonali ta' traspożizzjoni tal-Kummissjoni**, li għandhom jiġu kkomplementati mill-Istati Membri, se jwasslu għal traspożizzjoni aktar rapida u sħiħa. Bl-istess mod, l-aġġornamenti proattivi dwar l-obbligi nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tal-liġi tal-UE (gold plating) jgħinu biex **nindirizzaw l-impatti ta' regoli diverġenti** madwar l-UE.

Il-Kummissjoni se tuża **gruppi ta' esperti** u ambjenti simili biex tibni sħubijiet aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali, tappoġġa l-implimentazzjoni u tagħti appoġġ bejn il-pari bejn Stat Membru u ieħor. L-approċċ volontarju fit-**Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku**, li jinvolvi ħidma id f'id bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex ineħħu l-ostakli tas-suq, jista' jkun mudell għal ħidma simili f'setturi oħra bħall-kompetizzjoni, it-telekomunikazzjoni jew l-enerġija. Barra minn hekk, l-aġenziji regolatorji tal-UE jistgħu jgħinu wkoll biex tinkiseb applikazzjoni konsistenti tal-liġi tal-UE, b' mod partikolari billi jikkontribwixxu għal kultura superviżorja komuni.

#### ***b) tinvesti fil-kapaċità amministrattiva, fl-għodod diġitali u fid-data***

L-implimentazzjoni effettiva tal-politika tiddependi fuq amministrazzjonijiet pubbliċi effiċjenti u armati bl-għodod kollha li għandhom bżonn. Dan jirrikjedi livell għoli ta' diġitalizzazzjoni u aċċess għad-data u l-evidenza<sup>8</sup>, kif ukoll persunal u ħiliet xierqa fl-amministrazzjonijiet kollha involuti fl-implimentazzjoni. L-UE għandha sett ta' għodod u programmi biex tgħin fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni. Bħala eżempju, **l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku** jgħin lill-Istati Membri jibnu l-kapaċità amministrattiva tagħhom, jiddiġitalizzaw, jagħmlu riformi u jimplementaw il-prijoritajiet tal-UE b' mod ġenerali, bl-anqas piż fuq l-Istati Membri. Skont **l-Ispazju Amministrattiv Ewropew (ComPAcT)**<sup>9</sup>, il-Kummissjoni tagħti appoġġ biex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali — b'enfasi fuq il-ħiliet u t-tranżizzjonijiet diġitali u

ekoloġiċi — u skambji bejn l-impjegati taċ-ċivil biex jikkondividu prattiki tajbin u jaħdmu fuq problemi komuni bejn fruntiera u oħra<sup>10</sup>. Barra minn hekk, skont is-**Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern**, il-Kummissjoni tiffaċilita l-kooperazzjoni amministrattiva transfruntiera diġitali fl-implimentazzjoni tar-regoli tas-Suq Uniku.

Il-Kummissjoni se trawwem l-użu effettiv ta' għodod bħal dawn fl-implimentazzjoni ta' politiki jew leġiżlazzjoni ġodda ewlenin.

### *c) Tinvolve ruħha b'mod aktar effettiv mal-partijiet ikkonċernati*

Ċerti sfidi ta' implimentazzjoni ma jistgħux jiġu antiċipati. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni teħtieġ kuntatti regolari mal-partijiet ikkonċernati u mal-prattikanti, biex tiġbor feedback dwar x'qed jaħdem u x'mhuwiex, u biex tidentifika modi kif ittejjeb u tiffaċilita l-implimentazzjoni.

**Kull Kummissarju se jospita mill-inqas żewġ djalogi ta' implimentazzjoni fis-sena** mal-partijiet ikkonċernati. L-għan se jkun li jiġi vvalutat il-progress u jiġu identifikati oqsma li jeħtieġu attenzjoni għall-politiki tal-UE biex jinkisbu r-riżultati. Id-djalogi se jkunu mmirati lejn il-gruppi ewlenin affettwati mill-politiki tal-UE bħall-industrija, inklużi l-SMEs, is-sħab soċjali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u s-soċjetà ċivili, bl-għan li jkun hemm rappreżentanza bbilanċjata f'dawk li huma interessi u parteċipazzjoni. Ir-riżultati tagħhom se jiġu ppreżentati fir-rapporti ta' progress annwali dwar l-infurzar u l-implimentazzjoni. Dawn se jgħinu biex jiġu identifikati kwistjonijiet ta' implimentazzjoni batuta, gold plating, konformità żejda jew frammentazzjoni, u jikkonfermaw opportunitajiet għas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni. Dawn id-djalogi se jibdeu minnufih; l-ewwel ċiklu li se jibda fl-ewwel nofs tal-2025.

### *d) Tiegħu azzjoni ta' infurzar rapida u determinata*

Jekk in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni u fl-applikazzjoni tad-dritt tal-UE jippersistu minkejja l-appoġġ tal-Kummissjoni deskritt hawn fuq, se nġaħġġu l-azzjoni biex tinkiseb il-konformità. Il-**mekkaniżmi ta' monitoraġġ u prevenzjoni**<sup>11</sup> speċifiċi għas-settur u l-**għodod għas-soluzzjoni tal-problemi**<sup>12</sup> għadhom utli biex jiġu identifikati problemi ta' konformità filwaqt li jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi. Id-djalogu ta' qabel il-ksur jista' jwassal għal **soluzzjonijiet rapidi**<sup>13</sup>.

Meta l-kooperazzjoni ma twassalx għall-implimentazzjoni f'waqtha tar-regoli miftiehma, ikunu jridu jinfetħu **proċeduri ta' ksur**, flimkien ma' komunikazzjoni ċara tar-raġunijiet għaliex tittieħed azzjoni. Il-Kummissjoni ssegwi azzjoni ta' infurzar b'determinazzjoni bħala gwardjan tat-Trattati biex tiżgura li r-regoli jiġu implimentati, u biex tiġġieled kontra l-frammentazzjoni tas-Suq Uniku u kull sura ta' gold plating<sup>14</sup>. Hija se żżomm l-approċċ strateġiku tagħha<sup>15</sup>, filwaqt li tipprioritizza l-ksur bl-aktar impatt sinifikanti fuq l-interessi pubbliċi u kummerċjali.

L-għadd ta' proċeduri ta' ksur li qed jinfetħu għadu għoli (madwar 1 500 każ fil-bidu tal-2025)<sup>16</sup>, li wħud minnhom ilhom miftuħin ferm. Il-Kummissjoni se tkompli l-ħidma tagħha biex **tagħlaq il-każijiet ta' ksur b'suċċess** biex id-dritt tal-UE jagħti l-benefiċċji li jkunu intiżi għalih. Jekk l-istadji bikrija tal-proċedura ta' ksur ma jsolvux ksur tad-dritt tal-UE, il-Kummissjoni ma toqgħodx lura milli **tressaq każijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u titlob sanzjonijiet finanzjarji** meta jkun possibbli legalment<sup>17</sup>.

### III. EWROPA AKTAR SEMPLIĊI U AKTAR RAPIDA

It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali qed jittrasformaw l-ekonomiji u s-soċjetajiet tad-dinja u qed iwasslu għal kompetizzjoni intensa għar-riżorsi u l-innovazzjoni. Is-suċċess f'dan l-ambjent il-ġdid jeħtieġ approċċ kuraġġuż biex nagħtu spinta lill-kompetittività tagħna, inkluż billi nissimplifikaw il-qafas regolatorju tagħna, mingħajr ma nimminaw l-għanijiet ta' politika u l-istandards għoljin tagħna. Dan l-approċċ il-ġdid għandu l-għan li jindirizza s-sorsi tal-piżijiet regolatorji kollha — l-obbligi ta' rapportar, il-kostijiet amministrattivi rikorrenti, kif ukoll il-kostijiet tal-konformità b'mod aktar ġenerali — kull fejn ikun possibbli li jiġu identifikati mezzi adegwati biex jintlaħaq l-oġettiv regolatorju oriġinali b'mezzi aktar simplifikati u effiċjenti.

F'dawn l-aħħar snin il-Kummissjoni ħadet passi biex tnaqqas il-piż amministrattiv. F'Marzu 2023 ħabbret l-għan li tnaqqas l-piżijiet tar-rapportar assoċjati mar-rekwiżiti tal-UE għan-negozji u l-amministrazzjonijiet b'25 %, mingħajr ma ddgħajjef l-oġettivi ta' politika<sup>18</sup>. Hija ressqet l-ewwel sett ta' 41 miżura biex jinkiseb dan l-għan fil-programm ta' ħidma tal-2024<sup>19</sup>. Fost il-miżuri notevoli hemm ir-Riforma Doganali tal-UE, li waħedha mistennija li tiffirka EUR 2,7 biljun, aġġustamenti għal-limitu tad-Direttiva dwar il-Kontabbiltà, li minnhom jibbenefikaw aktar minn miljun kumpanija, u formola online komuni għad-dikjarazzjonijiet dwar il-ħaddiema stazzjonati<sup>20</sup>.

Fl-2025 is-simplifikazzjoni, it-tnaqqis tal-piż tar-rapportar, it-tnaqqis tal-burokrazija, ir-razzjonalizzar tal-proċess tal-kisba tal-permessi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, huma fost l-aktar prijoritajiet importanti tal-Kummissjoni għall-ħames snin li ġejjin. Kull Kummissarju se jsegwi dawn l-għanijiet fl-oqsma ta' responsabbiltà tiegħu, bil-koordinazzjoni tal-Kummissarju għall-Implimentazzjoni u għas-Simplifikazzjoni.

Dawn il-bidliet jikkomplementaw l-approċċ eżistenti ta' "one in, one out" li għandu l-għan li jikkompensa l-kostijiet ta' leġiżlazzjoni ġdida billi jnaqqas il-piżijiet<sup>21</sup>, normalment fl-istess oqsma ta' politika<sup>22</sup>. L-approċċ ilu jiġi implimentat bis-sħiħ mill-2022 u rriżulta fi proposti tal-Kummissjoni li jwasslu għal iffrankar sinifikanti tal-kostijiet netti jekk jiġu adottati bis-sħiħ mill-koleġiżlaturi<sup>23</sup>.

Spinta ta' simplifikazzjoni, ibbażata fuq rieżamijiet komprensivi tar-regoli tagħna u bidliet immirati għalihom, se tagħmel il-ħajja aktar faċli għan-nies u għall-kumpaniji, inklużi t-33 miljun SME tagħna u ħafna eluf ta' kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja. Se naħdmu magħhom biex nimmassimizzaw l-użu tal-**għodod ta' feedback online**<sup>24</sup> tagħna biex nitgħallmu dwar kwistjonijiet ta' implimentazzjoni u opportunitajiet ta' simplifikazzjoni.

Il-Kummissjoni se tibni fuq il-ħidma tal-Pjattaforma Fit for Future, li hija grupp ta' esperti ta' livell għoli li f'dawn l-aħħar snin ta' kontribut sinifikanti għall-isforzi ta' simplifikazzjoni<sup>25</sup>. Il-membri tal-Pjattaforma għabu għarfien espert mill-amministrazzjonijiet nazzjonali, in-negozji, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili, il-Kumitat tar-Regġuni u mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali. Anki n-Network ta' Ċentri Reġjonali għar-Revizzjoni tal-Implimentazzjoni tal-Politika tal-UE (RegHub) ikkontribwixxa għall-isfidi tal-implimentazzjoni fil-livell reġjonali u lokali.

Biex din l-isfida l-ġdida tissarraf f'azzjoni prattika, il-Kummissjoni se tuża **l-għodod u l-azzjonijiet li ġejjin**:

- a) miri ġodda biex jitnaqqas il-piż amministrattiv

- b) prijoritizzazzjoni ta' miżuri ta' simplifikazzjoni ġodda
- c) ittestjar gradwali tal-kapaċità tal-korp tal-leġislazzjoni tal-UE
- d) baġit tal-UE aktar sempliċi, aktar iffukat u li jħalli aktar impatt
- e) esperjenza Prattika bit-twettiq ta' kontrolli biex nivvalutaw ir-riżultati li jinkisbu

a) ***Miri ġodda biex jitnaqqas il-piż amministrattiv***

Biex tiżgura sforzi sostnuti u li jistgħu jitkejlu għas-snin li ġejjin, il-Kummissjoni kienet iffissat il-miri biex tnaqqas il-piżijiet tar-rapportar b'**mill-inqas 25 % għall-kumpaniji kollha u 35 % għall-SMEs**, mingħajr ma ddgħajjef l-oġettiv tal-politika. Madankollu, il-kostijiet tar-rapportar huma biss parti żgħira mill-kostijiet amministrattivi u, abbażi tal-feedback li rċevejna, aħna tal-fehma li huwa meħtieġ li jintuża approċċ aktar olistiku. Għalhekk, il-Kummissjoni se **tapplika l-miri tagħha għat-tnaqqis tal-piż għal linja bażi tal-kostijiet amministrattivi kollha**.

Bl-użu tad-data disponibbli fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, l-Eurostat approssimat il-kostijiet amministrattivi rikorrenti ġenerali fl-UE fl-2022 għal madwar EUR 150 biljun.<sup>26</sup> Tnaqqis ta' 25 % ta' din il-linja bażi se jirrikjedi **tnaqqis ta' EUR 37,5 biljun fil-kostijiet rikorrenti** sa tmiem il-mandat. Il-miżuri ddedikati għall-SMEs se jkollhom l-għan li jilhqgħu l-mira ta' 35 %. Ser nivvalutaw il-progress li nagħmlu fil-kisba ta' dan l-għan fir-rapporti ta' progress annwali dwar l-infurzar u l-implimentazzjoni, li ser jinkludu wkoll orjentazzjonijiet għal inizjattivi ta' simplifikazzjoni fil-futur.

Minn mindu tħabbret il-mira għat-tnaqqis tal-piż ta' 25 % tħabbret f'Marzu 2023, il-Kummissjoni pproponiet miżuri li huma stmati li jiffrankaw madwar EUR 5 biljun<sup>27</sup>. Hija **r-responsabbiltà tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** li jżommu jew, fejn possibbli, isaħħu l-potenzjal tat-tnaqqis tal-piż tal-proposti tal-Kummissjoni matul in-negożjati leġiżlattivi, u tal-Istati Membri biex jevitaw regolamentazzjoni żejda fit-traspożizzjonijiet nazzjonali jew fl-applikazzjoni tad-dritt tal-UE.

Minbarra li ssegwi dawn il-miri kwantifikati dwar it-tnaqqis tal-kostijiet tar-rapportar u kostijiet amministrattivi rikorrenti oħra, il-Kummissjoni se tkompli tipprowa tagħmel tnaqqis sinifikanti f'kostijiet regolatorji oħra tal-konformità kull fejn ikun jista' jiġi identifikat mezz aktar kosteffettiv għat-twettiq tal-oġettiv tal-politika.

b) ***Prijoritizzazzjoni ta' miżuri ta' simplifikazzjoni ġodda***

Il-**programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2025** jiffoka fuq is-simplifikazzjoni aktar minn qatt qabel. Dan jinkludi sensiela ta' pakketti Omnibus u proposti oħra ta' simplifikazzjoni biex jiġu indirizzati oqsma ta' prijorità li ġew identifikati mal-partijiet ikkonċernati matul is-sena li għaddiet<sup>28</sup>. **Nistiednu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jikkunsidraw li jħaffu dawn il-fajls**, filwaqt li jaġixxu fuq il-proposti ta' simplifikazzjoni mingħajr ma jergħu jiftħu partijiet oħra tal-leġislazzjoni, biex jipprovdur l-aħjar ċarezza u għajjnuna lill-kumpaniji mill-aktar fis possibbli. Il-programm ta' ħidma se jkompli jindika miżuri ta' simplifikazzjoni għal prijoritizzazzjoni bħal din fis-snin li ġejjin

**Il-pakketti Omnibus u proposti oħra ta' simplifikazzjoni**, li ġew adottati matul is-sena, se jimmassimizzaw is-simplifikazzjoni billi jindirizzaw l-interazzjonijiet bejn biċċiet ta' leġislazzjoni differenti. Dawn se jinkludu, fost l-oħrajn:

- **Il-pakkett Omnibus dwar is-sostenibbiltà**. Din il-proposta se tkopri simplifikazzjoni

estensiva fl-oqsma tar-rapportar dwar il-finanzi sostenibbli, id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà u t-tassonomija. Dan se jiżgura allinjament aħjar tar-rekwiżiti mal-ħtiġijiet tal-investituri, skedi ta' żmien proporzjonati, metriċi finanzjarji li ma jiskoraġġux l-investimenti f'kumpaniji iżgħar fi tranżizzjoni, u obbligi proporzjonati għall-iskala tal-attivitajiet ta' kumpaniji differenti. Dan se jindirizza b'mod partikolari l-effett ta' tnaqqis biex jiġi evitat li l-kumpaniji ta' daqs iżgħar tul il-ktajjen tal-provvista jiġu soġġetti fil-prattika għal talbiet ta' rapportar eċċessivi li qatt ma kienu intiżi mil-leġiżlaturi. Ir-rekwiżiti tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri se jiġu ffaċilitati għall-benefiċċju ta' importaturi ta' daqs iżgħar, speċifikament għall-SMEs u l-awtoritajiet.

- **Il-pakkett Omnibus dwar is-simplifikazzjoni tal-investment.** Dan il-pakkett se jiffaċilita, fost l-oħrajn, l-użu ta' InvestEU u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, u se jissimplifika r-rapportar.
- **Il-Pakkett Omnibus, inkluż fuq kumpaniji iżgħar b'kapitalizzazzjoni medja u t-tneħħija tar-rekwiżiti tal-format stampat** Dan il-pakkett Omnibus se jiżgura li l-kumpaniji iżgħar b'kapitalizzazzjoni medja se jkunu wkoll adattaw ir-rekwiżiti u se jneħħi t-talbiet ineffiċjenti għall-format stampat fil-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti.
- **Il-pakkett diġitali.** Dan ir-rieżami tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà se jiżguraw mezzi simplifikati u aktar aġli biex jiġi ffaċilitat ir-rapportar bi skopijiet multipli biex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet. Matul l-ewwel sena tal-mandat, dan se jifforma parti mill-valutazzjoni aktar ġenerali dwar jekk l-acquis diġitali estiż jirriflettix b'mod adegwat il-ħtiġijiet u r-restrizzjonijiet tan-negozji bħall-SMEs u l-kumpaniji iżgħar b'kapitalizzazzjoni medja, li tmur lil hinn mill-gwida u l-istandards meħtieġa li jiffaċilitaw il-konformità<sup>29</sup>. Fost l-oħrajn, Strateġija għal Unjoni Ewropea tad-Data se tindirizza r-regoli eżistenti dwar id-data biex tiżgura qafas legali simplifikat, ċar u koerenti għan-negozji u l-amministrazzjonijiet biex jikkondividu d-data mingħajr xkiel u fuq skala kbira, filwaqt li jirrispettaw standards għoljin ta' privatezza u sigurtà.
- **Is-simplifikazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni.** Dan il-pakkett se jindirizza sorsi ta' kumplessità u piż amministrattiv eċċessiv għall-bdiewa u l-amministrazzjonijiet nazzjonali fil-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar, filwaqt li jisfrutta wkoll il-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni.

Minbarra dawn il-proposti, inizjattivi oħra fil-programm ta' ħidma se jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni u **jiffaċilitaw il-ħruġ tal-permessi, l-awtorizzazzjonijiet u r-rekwiżiti ta' rapportar.** Dawn jinkludu l-Att għall-Aċċelerazzjoni tad-Dearbonizzazzjoni Industrijali li se jestendi l-permessi aċċellerati għal għadd akbar ta' setturi fi tranżizzjoni jew ir-reviżjoni mmirata tar-regoli tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi (**REACH**) li se tissimplifika r-regoli għall-industrija tas-sustanzi kimiċi mingħajr ma tikkomprometti s-saħħa, is-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali.

**L-inizjattivi diġitali se jikkontribwixxu għas-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni fl-oqsma kollha ta' politika<sup>30</sup>.** Bħala żvilupp fuq il-Kartiera Diġitali, se nippreżentaw il-Kartiera Ewropea tan-Negozju biex in-negozji jkunu jistgħu jimmaniġġjaw ir-rekwiżiti regolatorji, in-notifiki u l-proċessi ta' konformità nazzjonali, transfruntiera u tal-UE f'post

wieħed u b'mod faċli għall-utent.

Se jiġu esplorati aktar proposti ta' simplifikazzjoni, inkluż omnibus possibbli fil-qasam tad-difiża li jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' investment li se jiġu stabbiliti fil-White Paper, u biex il-kumpaniji innovattivi jiffjorixxu.

Filwaqt li l-proposti dwar ir-revoka sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti jew dwar l-irtirar ta' proposti pendenti jistgħu jkunu motivati wkoll minn kunsiderazzjonijiet oħra (l-obsolexxenza ta' ċerti regoli, in-nuqqas ta' progress politiku fuq proposti li ilhom jeżistu), kunsiderazzjonijiet ta' simplifikazzjoni u kosteffettività ta' sikwit jistgħu japplikaw f'każijiet bħal dawn ukoll.

### ***c) Itestjar gradwali tal-kapaċità tal-korp tal-leġiżlazzjoni tal-UE***

Il-programm ta' ħidma jinkludi wkoll l-ewwel lista ta' evalwazzjonijiet ta' liġijiet individwali jew ta' oqsma ta' politika sħiħa (kontrolli tal-idoneità), li jagħti bidu għal proċess ta' ttestjar tal-kapaċità tal-korp tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Dawn se jħarsu b'mod kritiku lejn il-potenzjal ta' simplifikazzjoni u se jiffokaw fuq is-sejbien ta' opportunitajiet biex jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu kkonsolidati r-regoli, f'kunsiderazzjoni partikolari tal-isfidi tal-SMEs. Ir-riżultati se jikkontribwixxu għaċ-ċiklu ta' pakketti ta' simplifikazzjoni li jmiss f'ċirku virtuwż.

L-itestjar tal-kapaċità se jkun **proċess kontinwu** ta' skrinjar ta' leġiżlazzjoni tal-UE. L-għan huwa li fl-aħħar mill-aħħar l-*acquis kollu tal-UE* jiġi rieżaminat b'mod li jkopri l-impatti kumulattivi, l-inkonsistenzi potenzjali u s-simplifikazzjoni tiegħu, filwaqt li l-obiettivi ta' politika tiegħu jintlaħqu b'mod aktar effiċjenti. Kull Kummissarju se jiżgura l-itestjar tal-leġiżlazzjoni fl-oqsma ta' responsabbiltà tiegħu, taħt it-tmexxija tal-Kummissarju għall-Implimentazzjoni u għas-Simplifikazzjoni. Abbażi ta' dan il-proċess, kull sena l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni se jinkludi miżuri ta' simplifikazzjoni konkreti.

### ***d) Baġit tal-UE aktar sempliċi, aktar iffukat u b'impatt akbar***

Is-simplifikazzjoni hija essenzjali wkoll biex nindirizzaw ix-xkiel li hemm fil-konfront tal-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE b'manjiera effettiva u f'waqtha, jiġifieri **l-frammentazzjoni attwali tax-xenarju finanzjarju tal-UE u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv** fuq il-partijiet ikkonċernati kollha. Kif inhu spjegat fil-Komunikazzjoni dwar it-triq lejn il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss<sup>31</sup>, fl-2025 il-Kummissjoni se tippreżenta proposta għal baġit fit-tul aktar sempliċi, aktar iffukat u aktar reattiv li jwettaq il-prijoritajiet tal-UE filwaqt li jiffaċilita l-aċċess tal-benefiċjarji għall-finanzjament tal-UE u jimmassimizza l-impatt tiegħu. Dan se jnaqqas ukoll il-kumplessità għall-awtoritajiet ta' implimentazzjoni, filwaqt li jżomm salvagwardji b'saħħithom dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din il-proposta se tibni fuq it-tagħlimiet li se jittieħdu mill-perjodu ta' programmazzjoni ta' bħalissa u minn **konsultazzjoni wiesgħa** tal-livelli politiċi, istituzzjonali u tal-partijiet ikkonċernati, filwaqt li ċ-ċittadini jiġu informati dwar dan b'mod proattiv.

### ***e) Esperjenza Prattika billi nivvalutaw is-sitwazzjoni attwali***

Il-Kummissjoni se **tikkomunika ma' prattikanti fil-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja f'firxa wiesgħa ta' oqsma**, biex tifhem l-esperjenza tagħhom fil-prattika u l-impatt tad-dritt tal-UE fuq l-attivitajiet tagħhom. Dawn l-

iskambji fil-livell tekniku se jgħinu biex jiġu identifikati u solvuti kwistjonijiet prattiċi, bħal kwistjonijiet marbuta mal-awtorizzazzjonijiet, mal-permessi, mal-kontroll jew mal-konformità.

Il-verifiki tas-sitwazzjoni ta' bħalissa għandhom l-għan li jidentifikaw kwalunkwe xkiel jew esperjenza pożittiva, u kif dawn jirrelataw mar-regoli tal-UE, l-implimentazzjoni u t-traspożizzjoni nazzjonali. Dawn se jgħinu biex **jiġi vverifikat jekk is-suppożizzjonijiet li jirfdu l-leġiżlazzjoni tal-UE humiex korretti u jagħtux il-benefiċċji mistennija**. Dawn se jgħinu wkoll biex jitkejjel jekk il-miżuri ta' simplifikazzjoni ppjanati jiġġenerawx iffrankar tal-kostijiet u jkunx xierqa u realistiċi.

L-eżitu tal-kontrolli tas-sitwazzjoni ta' bħalissa jikkontribwixxi għall-ittejtjar tal-kapaċità tal-leġiżlazzjoni eżistenti (inklużi l-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità) u t-tfassil ta' proposti ta' simplifikazzjoni tal-futur.

#### IV. INTEJBU L-MOD KIF NAGĦMLU REGOLI ĠODDA

Għalkemm is-simplifikazzjoni tar-regoli eżistenti hija importanti, huwa essenzjali wkoll li leġiżlazzjoni ġdida tkun sempliċi, faċli biex tinftiehem u biex tiġi implimentata, tkun abbozzata b'mod ċar u mingħajr ambigwitatijiet. Il-kwistjonijiet tal-implimentazzjoni u l-infurzar jeħtieġ li jiġu kkunsidrati mill-mument meta l-Kummissjoni tfassal il-proposti tagħha, kif inhu stabbilit fil-linji gwida u s-sett ta' għodod għal Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>32</sup>, u matul il-proċess leġiżlattiv kollu.

L-UE tista' tibni fuq l-approċċ tagħha ta' tfassil aħjar tal-liġijiet, li huwa magħruf bħala fost l-aħjar fl-OECD, inkluż fir-rigward ta' konsultazzjonijiet, evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt<sup>33</sup>. Hija tibbenefika wkoll mill-ħidma tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju, li jiżgura l-kwalità għolja tal-evidenza li tirded il-proposti leġiżlattivi.

Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-kumpaniji — b'mod partikolari l-SMEs — jaraw ir-reqwiziti regulatorji u l-impatt kumulattiv tagħhom bħala l-akbar sfida għall-ħolqien u t-tkabbir tan-negozju tagħhom fl-UE. Dan jitlob analiżi aħjar tal-impatti ta' leġiżlazzjoni ġdida li tolqot lill-kompetittività, l-SMEs u lin-negozji ġodda kif ukoll lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Jistħoqqlu wkoll li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jikkunsidraw l-impatt tal-emendi tagħhom matul il-proċess leġiżlattiv b'aktar reqqa. Se jkun hemm ukoll il-bżonn li jsir skrutinju aktar mill-qrib tat-termini tas-setgħat inklużi fil-leġiżlazzjoni, u sussegwentement tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni rilevanti.

Dawn l-isfidi hemm bżonn li jiġu indirizzati b'approċċ ġdid lejn il-proċess leġiżlattiv, permezz ta':

- a) verifiki aktar tajbin tal-SMEs u tal-kompetittività
- b) skrutinju tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni, u tas-setgħat relatati
- c) implimentazzjoni intelliġenti u diġitali integrata fit-tfassil tal-liġijiet tal-UE
- d) metodoloġija sempliċi għall-valutazzjoni tal-impatt ta' emendi sinifikanti

##### ***a) Verifiki aktar tajbin tal-SMEs u tal-kompetittività***

Il-verifiki msaħħa tal-SMEs u tal-kompetittività se jiġu applikati b'mod sistematiku fuq il-leġiżlazzjoni kollha prevista b'effetti prevedibbli fuq il-kumpaniji, b'mod partikolari fuq in-

negozji ż-żgħar, sabiex dawn l-impatti jġu kkunsidrati aħjar. Il-verifika tal-kompetittività tqis erba' aspetti ewlenin: il-kompetittività tal-kostijiet/prezzijiet, il-kompetittività internazzjonali, il-kapaċità għall-innovazzjoni, u l-impatti fuq il-kompetittività tal-SMEs. Il-verifika se **tiffoka aktar fuq is-setturi**. Se tivvaluta l-pożizzjoni kompetittiva tal-kumpaniji tal-UE fis-setturi li jintlaqtu l-aktar minn kull proposta permezz ta' indikaturi u informazzjoni kwalitattiva, filwaqt li ttiprovdi indikatur tal-**pożizzjoni kompetittiva tal-kumpaniji tal-UE li jintlaqtu** biex l-impatti kumulattivi fuq ċerti setturi jinfitehmu aħjar, bħal dawh li r-rapport Draghi identifikahom bħala kruċjali għall-kompetittività Ewropea, jinfitehmu aħjar. Wara, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-aktar **miżuri ta' mitigazzjoni** xierqa fil-każi li jġu identifikati kwistjonijiet ta' kompetittività.

Il-Kummissjoni se ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Opinjoni tal-Pjattaforma Fit for Future, li ssuġġeriet modi kif it-test tal-SMEs jista' jiġġedded<sup>34</sup>. Il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-leġislazzjoni rilevanti se **jippreżentaw l-impatti fuq l-SMEs u l-miżuri ta' appoġġ u ta' mitigazzjoni b'mod aktar**, li jwassal għal titjib tal-kwalità tal-informazzjoni li tkun disponibbli għall-Kulleġġ tal-Kummissarji u għall-koleġislaturi. Barra minn hekk, se nsaħħu l-analiżi tal-effetti indiretti tal-leġislazzjoni fuq l-SMEs. L-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità kollha se jkun fihom ukoll **analiżi ddedikata tal-effiċjenza u l-effettività tal-politiki għall-SMEs**.

#### ***b) Skrutinju tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni, u tas-setgħat relatati magħhom***

Il-Kummissjoni tadotta **għadd kbir ta' atti delegati<sup>35</sup> u atti ta' implimentazzjoni<sup>36</sup>** kull sena permezz mandat ta' leġislazzjoni adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Ħafna minn dawn l-atti huma tekniċi u għandhom impatti limitati, li diġà jġu kkunsidrati meta tiġi proposta l-leġislazzjoni bażika, u għalhekk ma jeħtiġux valutazzjoni tal-impatt iddedikata.

Madankollu, **meta l-Kummissjoni jkollha tagħżel bejn alternattivi ta' politika differenti u fit-tħejjija tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-leġislazzjoni bażika ma jkunux tqiesu impatti sinifikanti, l-att delegat jew att ta' implimentazzjoni ssirlu valutazzjoni tal-impatt<sup>37</sup>**. Il-Kummissjoni se tippreżenta analiżi tal-kostijiet jew tal-iffrankar tal-kostijiet anki meta ma jkun hemm l-ebda għażla ta' politika iżda jkunu mistennija impatti sinifikanti. Fejn ikun rilevanti, se tingħata attenzjoni partikolari wkoll lir-rwol tal-SMEs.

Matul il-proċess leġislativ, il-Kummissjoni se tikkunsidra bir-reqqa **l-implikazzjonijiet tas-setgħat rilevanti** proposti mill-koleġislaturi biex il-Kummissjoni tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni, bl-għan li tiġi evitata l-proliferazzjoni tagħhom kif ukoll il-kumplessità u l-kostijiet bla bżonn.

#### ***c) Twettiq intelliġenti u diġitali integrat fit-tfassil tal-liġijiet tal-UE***

Il-kontenut ta' inizjattiva jeħtieġ li jkun ta' kwalità tajba, jiġifieri faċli biex jinfitehem, mhux ambigwu u ċar biżżejjed biex jippermetti traduzzjoni univokali fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, u t-tfassil tagħha jeħtieġ li jħares 'il quddiem lejn l-implimentazzjoni reali tagħha.

Id-djalogu u l-kooperazzjoni bikrija mal-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati oħra jistgħu jidentifikaw kwistjonijiet ta' implimentazzjoni futuri bl-aħjar mod. Biex jintlaħaq dan l-għan, fejn xieraq, **l-aspetti legali u prattiċi tal-implimentazzjoni se jsiru parti mill-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u mill-valutazzjonijiet tal-impatt**.

Il-Kummissjoni se tagħti **politiki lesti għad-diġitali**, billi tiżgura li l-kunsiderazzjonijiet diġitali jiġu inkorporati mill-bidu nett<sup>38</sup> u billi tuża għodod innovattivi bħal **ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja** biex “tittestja” l-għażliet ta’ politika mal-bażi tan-negozju tal-Ewropa<sup>39</sup>. Se mmexxu wkoll bl-**interoperabbiltà transfruntiera**<sup>40</sup> bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, u se nestendu l-użu ta’ **pjattaformi elettroniċi** bħall-Gateway Diġitali Unika<sup>41</sup>, u **l-użu mill-ġdid ta’ data eżistenti**, inkluż il-formoli mimlijin lesti għal rekwiżiti ta’ konformità attwali u futuri<sup>42</sup>.

Biex inħaffu l-piżijiet tar-rapportar u l-kostijiet tal-konformità, se nintegraw aktar il-prinċipji **“diġitali b’mod awtomatiku”** u **“ta’ darba biss”** fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u l-aġenziji rilevanti tal-UE.

#### *d) Metodoloġija sempliċi għall-valutazzjoni tal-impatt ta’ emendi sinifikanti*

Il-Kummissjoni se tressaq suġġerimenti lill-koleġiżlaturi dwar metodoloġija sempliċi għall-valutazzjoni tal-impatti tal-emendi sinifikanti tagħhom, biex **tittestja u turi l-fattibbiltà li valutazzjonijiet bħal dawn** siru mingħajr ma l-proċess leġislattiv jittardja bla bżonn. Abbażi kemm jista’ jkun tal-għodod u l-mudelli eżistenti u tad-data eżistenti, din il-metodoloġija tista’ tagħti stima tal-kostijiet amministrattivi ta’ emendi sinifikanti, flimkien ma’ preżentazzjoni aktar informattiva ta’ kostijiet oħra. Il-Kummissjoni se tressaq dawn is-suġġerimenti għal konsultazzjoni mal-koleġiżlaturi fit-tieni trimestru tal-2025.

## **V. APPROĊĊ FUTUR: SĦUBIJA U SJIEDA KONĠUNTA**

F’din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni stabbiliet aġenda ambizzjuża għas-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni biex tagħti spinta lill-kompetittività, lill-prosperità, lit-twettiq tal-politika u r-reżiljenza fl-UE. Il-kisba ta’ dawn l-għanijiet se teħtieġ l-impenn qawwi tal-istituzzjonijiet u tal-partijiet ikkonċernati l-oħra kollha, inkluż b’mod partikolari tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali se jkunu wkoll sħab essenzjali biex l-ambizzjonijiet jinbidlu f’azzjonijiet konkreti, billi jidentifikaw opportunitajiet għas-simplifikazzjoni, jissuġġerixxu liema partijiet ikkonċernati jiġu mistiedna fl-attivitajiet il-ġodda ta’ konsultazzjoni (djalogi ta’ implimentazzjoni u tal-qagħda attwali) u billi jkattru l-miżuri ta’ simplifikazzjoni billi jittraduċuhom fil-livelli kollha ta’ governanza.

Il-ħidma tal-Kummissjoni se tkun iggwidata mill-prinċipji tas-sħubija u l-kooperazzjoni:

- a) ir-rapportar regolari dwar il-progress, l-iżgurar tat-trasparenza u r-responsabbiltà
- b) l-involvement mal-koleġiżlaturi biex ir-regoli tal-UE jkunu aktar sempliċi u effettivi

#### *a) Rapportar regolari dwar il-progress, l-iżgurar tat-trasparenza u r-responsabbiltà*

il-Kummissjoni se tirrapporta dwar il-progress li jsir b’mod regolari. Kull Kummissarju se jippreżenta **rapport ta’ progress annwali dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar** fil-qasam tiegħu jew tagħha lill-Kumitat tal-Parlament u lill-formazzjoni tal-Kunsill rispettivi. Dawn ir-rapporti se jippreżentaw progress fuq oġettivi ta’ politika ewlenin, kif ukoll dwar azzjoni ta’ infurzar, appoġġ għall-implimentazzjoni u miżuri ta’ simplifikazzjoni. Ir-rapporti se jqisu wkoll id-djalogi mal-partijiet ikkonċernati (inklużi d-djalogi dwar l-implimentazzjoni), it-

testijiet tal-kompetenza u l-kontrolli tal-qagħda attwali. Dawn se jiddeskrivu kwalunkwe miżura addizzjonali li tkun potenzjalment meħtieġa.

Il-Kummissjoni se tippreżenta **rapport ġenerali**, li jippromwovi r-responsabbiltà u s-segwitu fiċ-ċiklu annwali ta' implimentazzjoni u simplifikazzjoni. Barra minn hekk, fuq is-sit web Europa tagħha l-Kummissjoni se tippubblika informazzjoni faċli għall-utenti dwar suġġetti bħall-progress dwar il-miri għat-tnaqqis tal-piżijiet, l-azzjonijiet ta' infurzar u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE fil-livell nazzjonali, inklużi mapep interattivi u graffs li jistgħu jiġu adattati.

### Implimentazzjoni annwali u ċiklu ta' simplifikazzjoni



#### ***b) L-involvement mal-koleġiżlaturi biex ir-regoli tal-UE jkunu aktar sempliċi u effettivi***

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom rwol ċentrali fil-ħolqien ta' regoli sempliċi u effettivi bl-inqas kost amministrattiv għan-nies u l-kumpaniji.

Fl-2016, iż-żewġ istituzzjonijiet ikkommettew ruħhom għall-prinċipju li **jivvalutaw l-impatti tal-emendi sostanzjali tagħhom** meta jkun xieraq.<sup>43</sup> Dan jista' jinkludi emendi li jżidu l-kostijiet, joħolqu r-riskju ta' impatti negattivi addizzjonali jew inaqqsu b'mod sinifikanti l-potenzjal ta' simplifikazzjoni ta' proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jagħmlux dan fil-prattika.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill **biex jistabbilixxu l-proċessi u r-riżorsi meħtieġa**<sup>44</sup>. Filwaqt li l-emendi ma jistgħux ikunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt sħiħa minħabba l-perjodu ta' żmien strett tan-negożjati,

għandu jkun possibbli li kull istituzzjoni **tuża metodoloġija sempliċi biex tivvaluta l-kostijiet tagħha**, kif issemma qabel.

L-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni tajba huma sforz konġunt li jinvolti l-istituzzjonijiet kollha tal-UE matul il-proċess leġiżlattiv kollu. Għalhekk, il-miżuri ta' simplifikazzjoni għandhom jiġu identifikati b'mod ċar, u l-koleġiżlaturi għandhom jaġhrfuhom sabiex ikunu jistgħu jiġu **indirizzati b'mod iffukat bi prijorità** u jiġi żgurat li s-simplifikazzjoni tagħti l-benefiċċji tagħha mill-aktar fis.

Il-Kummissjoni tinsab lesta li taħdem mill-qrib mal-Parlament u mal-Kunsill biex tilħaq l-għanijiet, inkluż billi **għedded il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet** biex tiċċara kif dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu l-aħjar.

<sup>1</sup> Il-Linji Gwida Politiċi 2024-2029 | Il-Kummissjoni Ewropea.

<sup>2</sup> Ir-rapport tal-2024 dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea ta' Mario Draghi: [https://commission.europa.eu/topics/strengthening-european-competitiveness/eu-competitiveness-looking-ahead\\_en#paragraph\\_47059](https://commission.europa.eu/topics/strengthening-european-competitiveness/eu-competitiveness-looking-ahead_en#paragraph_47059).

<sup>3</sup> "Gold plating" huwa terminu użat ħafna fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE, li jirreferi għal obbligi nazzjonali addizzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tal-UE. F'termini prattiċi, din hija meqjusa bħala impożizzjoni ta' rekwiżiti u piżijiet amministrattivi żejda (normi, linji gwida u proċeduri) li jinterferixxu mal-għanijiet ta' politika li jkunu mistennija jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni tal-UE.

<sup>4</sup> Ir-Rapport tal-2024 dwar il-futur tas-Suq Uniku ta' Enrico Letta: <https://www.consilium.europa.eu/media/ny3j24sm/much-more-than-a-market-report-by-enrico-letta.pdf>

<sup>5</sup> Ir-rapport Draghi.

<sup>6</sup> Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, SWD (2021) 0305 final u l-Għodda 38 tal-Istrumenti għal Regolamentazzjoni Aħjar.

<sup>7</sup> Il-proċeduri simplifikati għall-ħruġ ta' permessi huma kruċjali biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija rinnovabbli għall-2030. Il-Kummissjoni tappoġġa din il-ħidma permezz ta' djalogi strutturati u laqgħat bilaterali mal-Istati Membri għal diskussjonijiet dwar il-pjanijiet ta' traspożizzjoni, partikolarment fir-rigward ta' ħruġ ta' permessi. [https://energy.ec.europa.eu/news/commission-adopts-guidance-eu-countries-implementing-revised-directive-renewable-energy-and-energy-2024-09-02\\_en](https://energy.ec.europa.eu/news/commission-adopts-guidance-eu-countries-implementing-revised-directive-renewable-energy-and-energy-2024-09-02_en)

<sup>8</sup> Ara l-proġett reċenti tat-TSI "Building capacity for evidence-informed policy making in governance and public administration in a post-pandemic Europe" (Nibnu l-kapaċità għat-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza fil-governanza u l-amministrazzjoni pubblika fl-Ewropa ta' wara l-pandemija).

<sup>9</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, It-tisħiħ tal-Ispazju Amministrattiv Ewropew (*ComPAct*), COM (2023) 667 final.

<sup>10</sup> Il-programm ta' kooperazzjoni u skambju tal-amministrazzjoni pubblika (PACE) jiffaċilita l-iskambji dwar suġġetti bħall-professionalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, it-titjib tal-prestazzjoni amministrattiva, l-amministrazzjoni pubblika ekoloġika u diġitali.

<sup>11</sup> Pereżempju, id-Direttiva dwar it-Trasparenza tas-Suq Uniku u d-Direttiva dwar Test tal-Proporzjonalità biex jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakli u ostakli ġodda, it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, ir-rapporti speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew, il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima, ir-Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika, ir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali u l-Pjanijiet ta' Azzjoni nazzjonali fil-qasam tas-sajd.

<sup>12</sup> Pereżempju, għodod bħal [SOLVIT](#), [FIN-NET](#), u [Your Europe](#) jippermettu lin-nies u lin-negozji jgawdu bis-sih id-drittijiet tagħhom fis-suq uniku. Dawn jaġhtu informazzjoni ċara, assistenza fuq problemi speċifiċi u soluzzjoni għall-problemi.

<sup>13</sup> Magħruf bħala djalogu EU Pilot, li r-rata ta' suċċess tiegħu fl-2024 kienet ta' 75 %. Din il-forma ta' djalogu tintuża meta jkun probabbli li l-konformità tinkiseb aktar malajr minn proċedura ta' ksur formali.

<sup>14</sup> Pereżempju, fil-każijiet meta l-leġiżlazzjoni tal-UE tistipula regoli armonizzati totalment. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tipproponi armonizzazzjoni sħiħa aktar ta' sikwit, f'oqsma fejn ikun possibbli, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku kollu, il-Kummissjoni Ewropea, *Boxxla għall-Kompetittività tal-UE* COM (2025) 30 final.

<sup>15</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, *Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar* (C (2016) 8600) u *L-infurzar tad-dritt tal-UE għal Ewropa li tagħti riżultati*, COM (2022) 0518 final.

<sup>16</sup> Aktar minn 900 każ minnhom jikkonċernaw it-traspożizzjoni mhux sħiħa jew inkorretta tad-direttivi.

<sup>17</sup> Il-Kummissjoni titlob b'mod sistematiku lill-Qorti tal-Ġustizzja biex timponi sanzjonijiet finanzjarji fil-forma ta' ħlas ta' ammont f'daqqa u ħlas ta' penali ta' kuljum meta Stat Membru jonqos milli jieħu l-miżuri meħtieġa

- biex jikkonforma ma' sentenza preċedenti tal-Qorti li tikkonstata ksur tad-dritt tal-UE (l-Artikolu 260(2) tat-TFUE) u meta Stat Membru jonqos milli jinnotifika miżuri li jitrassponu direttiva adottata skont proċedura leġiżlattiva (l-Artikolu 260(3) tat-TFUE). Fl-2023 u l-2024 il-Kummissjoni rreferiet 134 każ ta' ksur quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, fosthom talba għal sanzjonijiet finanzjarji f'55 minn dawn il-każijiet.
- <sup>18</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2023), *Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030*, COM(2023) 168 final.
- <sup>19</sup> Programm ta' *ħidma tal-Kummissjoni għall-2024* – Inwettqu llum u nħejju għal għada - Anness II, COM(2023) 638 final.
- <sup>20</sup> Fl-2024 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament li jistabbilixxi interfaċċa pubblika multilingwi li timplimenta formola standard volontarja għad-dikjarazzjoni tal-ħaddiema stazzjonati. It-tnaqqis medju fil-ħin meħtieġ biex timtela dikjarazzjoni ta' persuna stazzjonata bl-użu tal-formola standard huwa stmat għal madwar 73 % meta mqabbel mal-ħin medju meħtieġ bħalissa fl-UE. Dan se jagħti spinta lill-protezzjoni tal-ħaddiema billi jżid it-trasparenza tal-istazzjonar u jgħin lill-Istati Membri jagħmlu spezzjonijiet effettivi u mmirati.
- <sup>21</sup> Dan jinkludi kostijiet rikorrenti u annwalizzati ta' darba
- <sup>22</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, *Regolazzjoni Aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar*, COM(2021) 219 final.
- <sup>23</sup> Dan l-iffrankar huwa bbażat fuq l-inizjattivi adottati mill-Kummissjoni, u huwa stmat li laħħaq is-EUR 7,3 biljun fl-2022, EUR 6,3 biljun fl-2023 u EUR 260 miljun fl-2024 (sena ta' tranżizzjoni fi tmiem il-mandat preċedenti tal-Kummissjoni, b'livell aktar baxx ta' attività leġiżlattiva). Madankollu, xi wħud minn dawn il-miżuri għadhom ma ġewx adottati jew il-potenzjal tal-iffrankar tal-kostijiet tnaqqas permezz ta' emendi fil-leġiżlazzjoni proposta.
- <sup>24</sup> Il-kumpaniji li qed iħabbtu wiċċhom ma' ostakoli amministrattivi fi Stat Membru jistgħu jirrapportawhom hawn <https://fosmo.youreurope.europa.eu/> au l-assoċjazzjonijiet tan-negozju; jew organizzazzjonijiet oħrajn b'diversi kumpaniji jistgħu jikkuntattjaw [grow-single-digital-gateway@ec.europa.eu](mailto:grow-single-digital-gateway@ec.europa.eu) biex jirrapportaw l-ostakli. L-ewwel jistgħu jiksbu għajnuna u pariri personalizzati permezz ta' <https://asf.youreurope.europa.eu/>.
- <sup>25</sup> Matul il-mandat tagħha ta' erba' snin, il-Pjattaforma ħejjiet 41 opinjoni u 260 suġġeriment speċifiku. Diversi inizjattivi ewlenin tal-Kummissjoni siltu minn dan l-għarfien espert, inkluż il-pakkett tal-VAT fl-Era Diġitali, l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits, l-Att dwar Ewropa Interoperabbli, il-pakkett tal-Unjoni Bankarja u l-Att dwar il-Kwotazzjoni.
- <sup>26</sup> Il-kalkoli jsiru permezz ta' approċċ pramatiku u huma bbażati fuq ħidma preċedenti u jqisu l-istimi tal-piż tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Piżijiet Amministrattivi fl-2012 u x-xejriet osservati fil-piż fil-perjodu 2012–2022 għal ċerti Stati Membri li hemm data disponibbli dwarhom.
- <sup>27</sup> Dawn jinkludu l-41 inizjattiva li ġew adottati flimkien mal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024, kif ukoll proposti sussegwenti tal-Kummissjoni bħall-pakkett ta' simplifikazzjoni fil-qasam tal-agrikoltura. Dan l-iffrankar ġie stmat bl-użu tal-mudell tal-kost standard tal-UE.
- <sup>28</sup> Il-partijiet ikkonċernati setgħu jippreżentaw evidenza dwar ir-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar f'sejħa għall-feedback li kienet miftuħa sa Diċembru 2023. Madwar 200 risponent ipprovdew il-kontribut tagħhom, ikkomplementat minn diskussjonijiet immirati ma' assoċjazzjonijiet u partijiet ikkonċernati oħra bħal sessjonijiet ta' ħidma mal-industrija (inklużi l-SMEs).
- <sup>29</sup> L-acquis diġitali jinkludi, fost l-oħrajn, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, l-Att dwar il-Governanza tad-Data, l-Att dwar id-Data, l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika, l-Att tal-UE dwar iċ-Ċipep u l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.
- <sup>30</sup> Ara wkoll it-taqsimu IV (c) hawn taħt, "Twettiq intelliġenti u diġitali integrat fit-tfassil tal-liġijiet tal-UE".
- <sup>31</sup> COM(2025) 46 final.
- <sup>32</sup> [https://commission.europa.eu/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation/better-regulation-guidelines-and-toolbox\\_mt](https://commission.europa.eu/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation/better-regulation-guidelines-and-toolbox_mt).
- <sup>33</sup> Abbażi tal-[OECD Regulatory Policy Outlook 2021 | OECD](#). Il-proċess ta' konsultazzjoni se jittejjeb ukoll permezz tal-bidla biex jiddaħħlu djalogi ta' implimentazzjoni u kontrolli tas-sitwazzjoni attwali kif issemma qabel.
- <sup>34</sup> Opinjoni finali SME\_test.pdf (europa.eu). It-test attwali tal-SMEs huwa definit fl-għodda #23. Sa fejn tkun tista' ssir distinzjoni, l-effetti possibbli fuq kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.
- <sup>35</sup> Skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE), l-atti delegati jistgħu jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv dment li dan l-att tal-aħħar jiddelega tali setgħat.
- <sup>36</sup> Meta l-implimentazzjoni tal-atti legalment vinkolanti tal-Unjoni tkun titlob kundizzjonijiet uniformi, dawk l-atti għandhom jagħtu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE.

---

<sup>37</sup> Ara p. 42 tal-[Istrumenti għal Regolamentazzjoni Aħjar](#).

<sup>38</sup> Bħala parti mill-qafas tat-tfassil tal-politika tagħha lest għad-diġitali, il-Kummissjoni żviluppat Dikjarazzjoni Leġislattiva, Finanzjarja u Diġitali ġdida li takkumpanja l-proposti tagħha. Il-Kapitolu dwar id-dimensjoni diġitali jinkludi informazzjoni essenzjali dwar l-aspetti diġitali tal-proposti u jservi bħala r-rapport ta' valutazzjoni tal-interoperabbiltà tal-Kummissjoni, skont il-mandat tal-Att dwar Ewropa Interoperabbli. Dan jiżgura li meta tabbozza l-proposti l-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-impatti diġitali sabiex ikunu adattati għall-era diġitali.

<sup>39</sup> Kif previst pereżempju skont l-Att tal-UE dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.

<sup>40</sup> L-amministrazzjonijiet pubbliċi se jkunu jistgħu jiżviluppaw servizzi pubbliċi diġitali interkonnessi u li jiffaċilitaw il-fluss liberu tad-data bejn il-fruntieri permezz tas-soluzzjonijiet għal Ewropa Interoperabbli (disponibbli fuq il-Portal Ewropa Interoperabbli).

<sup>41</sup> Il-portal diġitali uniku jiffaċilita l-aċċess online għall-informazzjoni, għall-proċeduri amministrattivi, u għas-servizzi ta' assistenza taċ-ċittadini u n-negozji tal-UE fi Stat Membru ieħor.

<sup>42</sup> Dan jista' jinkludi, pereżempju, l-użu ta' data disponibbli mis-satelliti. Is-satelliti tal-UE jistgħu jipprovdu data u tbassir ta' rapportar mill-bogħod affidabbli u komparabbli kważi f'ħin reali b'mod kosteffiċjenti.

<sup>43</sup> Ara l-paragrafu 15 ta' [IIA-BL](#): Meta jqisu li dan ikun xieraq u meħtieġ għall-proċess leġislattiv, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser iwettqu valutazzjonijiet tal-impatt tal-emendi sostanzjali tagħhom għall-proposta tal-Kummissjoni. Bħala regola ġenerali, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jieħdu l-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni bħala l-punt tat-tluq tal-ħidma li jissukktaw biha. Id-definizzjoni ta' emenda "sostanzjali" għandha tiġi deċiża mill-Istituzzjoni rispettiva.

<sup>44</sup> Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, għalkemm ma hemm l-ebda rekwiżit legali li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt, li l-kontenut tagħhom lanqas ma huwa vinkolanti, il-leġislatur tal-Unjoni għandu jkun jista' jstabbilixxi b'mod ċar id-data bażika meħuda inkunsiderazzjoni meta jagħmel l-għażliet tiegħu, b'mod partikolari meta jiġi impost xi piż. Il-Qorti kkonfermat fis-sentenza tagħha fil-kawżi C-541/20 sa C-555/20 — [Rikors għal annullament — L-ewwel pakkett ta' miżuri ta' mobbiltà \("Pakkett dwar il-Mobbiltà"\) — 4 ta' Ottubru 2024](#) — li rekwiżiti onerużi introdotti fil-proċess leġislattiv u li għalihom il-koleġislaturi ma jistgħux juru li d-data bażika sottostanti tista' tiġi annullata mill-Qorti.